

GĦAJNUNA MILL-ISTAT – IR-RUMANIJA**(L-Artikoli 107 u 109 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)****Avviż tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE – irtirar ta' notifikazzjoni****Għajnuna mill-Istat C 36/09 – Garanzija ta' Qafas Temporanju favur Oltchim****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)****(2010/C 337/08)**

Il-Kummissjoni iddeċidiet li tagħlaq il-proċedura ta' investigazzjoni formali taħt l-Artikolu 108(2) tat-TFUE, li bdiet fid-19 ta' Novembru 2009 ⁽¹⁾ fir-rigward tal-miżura msemmija hawn fuq, filwaqt li qed jiġi rreġistrat li r-Rumanija kkonfermat li l-għajnuna ma nġhatatx.

I. Proċedura

Bid-deċiżjoni tad-19 ta' Novembru 2009 il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 108(2) TFUE fir-rigward ta' garanzija mill-Istat favur il-kumpanija Rumena tal-petrokimiku Oltchim.

II. Deskrizzjoni

Il-garanzija mill-Istat ta' EUR 62 miljun għal self kummerċjali ta' EUR 62 miljun kellha tinħareġ taħt il-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jiġi appoġġjat l-aċċess għall-finanzjament matul il-kriżi finanzjarja u ekonomika kurrenti.

Il-Kummissjoni qajmet dubji fir-rigward jekk l-Oltchim issodisfatx il-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mill-Qafas Temporanju sabiex tkun eliġibbli għal tali għajnuna.

III. Valutazzjoni

Matul il-proċedura, ir-Rumanija ddikjarat li l-għajnuna msemmija ma nġhatatx.

IV. Konklużjoni

Għaldaqstant il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħlaq il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 108(2) TFUE peress li hi bla skop, safejn l-għajnuna ma tkunx inġhatat.

⁽¹⁾ ĠU C 19, 26.1.2010, p. 31.